# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tas-27 ta' Gunju 2023**

**Rikors Numru : 178/2022 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**RC**

**Vs**

**AC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RC datat 1 t'April 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Gunju 2009 (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel li twieled fis-16 ta' Ottubru tas-sena 2017.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati ex lege b'kuntratt ippubblikat min Nutar Dr Timothy Ellis fis-16 ta' Frar 2022 (Dok B anness);*

*Illi l-intimat ihallas manteniment ghal ibnu minuri skond il-kuntratt ta' separazzjoni u m'hemmx vertenzi.*

*Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi jghixu hajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda pretensjoni b'mod assolut kontra l-intimat skont il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifisha (Dok C);*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma ntavala ebda risposta. Ghalhekk huwa kontumaci;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-fakolta akkordata lill-intimat sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fi zmien ghaxart ijiem ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12. (Vide Fol 60)

Rat illi l-intimat baqa' indadempjenti;

Rat in nota tal-attrici (Vide Fol 15) fejn iddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci u stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-6 ta' Gunju 2009 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Frar 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Timothy Ellis. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Gunju 2009, liema zwieg jgib certifikat numru 774/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 13). Minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed li ghadu minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Timothy Ellis nhar is-16 ta' Frar 2022 (vide Dok B fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 774/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**